# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħatal-KunsillLokaliĦal Safi

Is-Seba' Legislatura

LaqgħaNumru 11/2018

4 ta' Ottubru 2018

Il-KunsillLokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-UffiċċjuAmministrattivtiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:30pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| PublioAbdilla: | Kunsillier |

UffiċjalPreżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | SegretarjuEżekuttiv |

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tasal ftit tard għal laqgħa.

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 10.3.1 huwa kien ltaqa' mas-Sur Joe D'Amato Kunsillier mill-Kunsill Lokali Żurrieq. Is-Sindku qal illi kienu qablu li l-qlib tal-konfini ma jkunx biss qbil amikevoli imma wara li din tiġi diskussa u approvata mill-Kunsill taż-Żurrieq għandna nitolbu lid-Dipartiment sabiex ssir finali u t-toroq jinbidlilhom l-konfini tagħhom.

11.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk (ref punt 10.3.2) t-triq l-isfel minn Ġnien ta' Ball kienx ser jibda x-xogħol tat-triq. Is-Sindku qal illi għal issa għad m'għandux konferma. Huwa qal ukoll illi x-xogħol fi Triq il-Puniċi kien beda u x-xogħolijiet fi Triq il-Kuċċard daqt jibdew ukoll.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 15:57pm.

11.2.4 Is-Sindku qal illi (ref punt 10.3.4) l-lease agreement ma kienx għadu ġie iffinalizzat u għalhekk konna għadna qiegħdin nistennew risposta. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-fatt li n-night shelter ser ikun mibni f'post li huwa tal-parocċa ta' Ħal Safi, in-nies tal-lokal għandhom ikollhom priorita meta jiġu biex jidħlu fin-night shelter. Is-Sindku kkonferma li huwa kien għadda s-suġġeriment tan-nies uffiċjalment.

11.2.5 Is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk l-appuntamenti li kellhom in-nies għal Mater Dei jew għal Health Centre tal-Furjana kienux ser jiġu trasferiti għal Berġa ta' Ħal Kirkop u jekk kellux isir appuntament ieħor. Is-Sindku qal illi meta kien mar għal ftuħ uffiċjali kienu qalulhom illi għandha tintbagħat leaflet bit-tagħrif meħtieġ.

11.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 10.3.10 minħabba l-mera. Is-Sindku qal illi kien kellem lil persuna tad-dar fejn ser teħel il-mera, u li kien ftiehem mieghu sabiex imorru fuq il-post sabiex jiddiskutu flimkien fejn tista' tehel.

11.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex ħadna xi risposta fuq ref punt 10.4.2. Is-Sindku qal illi l-meter tal-ilma mhux qiegħed fil-garaxx tagħna u għalhekk mhux daqshekk faċli li jkollna r-reading tal-ilma. Il-Kunsill iddiskuta alternattivi oħra kif għandna ntellgħu l-ilma mill-ġiebja taħt Misraħ San Gużepp.

11.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 10.4.5 huwa kien kellem lil perit tal-kuntrattur li għamel ix-xogħol f'din i t-triq. Is-Sindku qal illi l-istima jrid jtihielna Pawlu u li meta jtina din l-istima, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk nagħmlux il-kumplament tat-triq.

11.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex għamilna xi ħaġa fuq il-post għal qtates. Il-Kunsill qabel illi għandna nitkellmu ma min jitma' l-qtates sabiex inżommu żewġ postijiet fejn ikunu jistgħu jitimgħuhom.

11.2.10 Il-Kunsillier Is-Sur Publio Abdilla qal illi minħabba il-Euromobility Week konna qassamna l-programm u qal illi ma kienx jaf illi kien hemm persuna tiġbor l-ismijiet tat-tfal li kienu qiegħdin jieħdu sehem. Is-Sindku qal illi konna qabbadna persuna sabiex torganizza l-mixja tal-iskola u li kellha żżomm lista tat-tfal li attendew minħabba t-trophies. Is-Sindku qal li konna tlabniha tiġbor ukoll lista ta' parteċipanti tal-bike challenge u tiġrija.

11.2.11 Is-Sindu qal illi ref punt 10.10 il-librar kien ħa taħriġ mal Malta Libraries u li issa kien beda jiftaħ il-librerija regulari.

11.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien ġara fuq l-ismijiet li konna proponejna. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet l-applikazzjonijiet mill-ġdid pero' konna għadna ma ħadniex risposta.

11.2.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien rċieva l-konferma tal-ħatra għal Segretarju Eżekuttiv b'effett mill-1 ta' Ottubru 2018 u li għalhekk issa kellna naħtru Deputat Segretarju.

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku qal li kellu meeting mas CEO tal-Infrastructure Malta u li kellu konferma illi triq il-Puniċi kellhom jibdew ix-xogħolijiet li fil-fatt hekk ġara pero' rigward Triq il-Kuċċard għad m'għandnix risposta meta ser jibdew għaliex kien għadhom iridu idaħħlu xi monitor minħabba l-heritage, pero' l-kuntratt kien ġie ffirmat u kellu jibda fil-viċin. Is-Sindku qal ukoll illi t-triq l-isfel minn Sir Alexander Ball qiegħed fil-viċin li jibdew ix-xogħolijiet fiha.

11.3.2 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex iż-żewġ sqaqien li hemm fejn is-substation fl'area ta' Gawhar jiġu asfaltati. Is-Sindku qal illi dawn l-isqaqien suppost għandhom isiru b'fondi tal-gvern pero' l-problema hi li bħalissa ma hawnx biżżejjed kuntratturi sabiex isir ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien talab sabiex isiru l-bankini fi Triq San Gwann, u kkonferma li ser isiru l-bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq u li kellhom isiru l-Ġimgħa ta' wara l-laqgħa. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi parti mit-triq San Gwann tagħmel mal-konfini ta' Ħal Kirkop għalhekk qatt m'għadha ssir mill-Kunsill tagħna.

11.3.3 Is-Sindku qal illi fuq il-problema li għandna fuq Triq San Tumas kien tkellem mal-avukati kif kien miftiehem fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal illi kien ta l-kuntratt li ħriġna għat-triq lil avukati li jaqblu illi l-Kunsill m'ghandux ihallas tax-xogħol qabel il-kuntrattur jirranga fejn gie hazin. Is-Sindku qal illi kienu ltaqgħu mal-kuntrattur flimkien mal-avukati fejn il-kuntrattur baqa' jinsisti illi, meta tkun se tirranġa t-triq il-perit tagħna għandu jkun preżenti , u qal illi l-kuntrattur ried

ukoll ikun jaf kemm idum sabiex jitħallas minn meta ssir iċ-ċertifikazzjoni tat-triq. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur qieghed jinsisti illi t-triq qatt ma tista' tiġi sew peress li hija dejqa u ma tistax tahdem kif trid fiha. Is-sindku qal ukoll li iz-zmien qed jigri warajna minhabba d-deadline mill-EU. Issa qiegħdin nistennew sabiex naraw meta ser titranġa t-triq.

11.3.4 Is-Sindku qal illi rigward il-EuroMobility week kellna ġimgħa ta' attivitajiet, fosthom mixjiet, challenge bir-roti u tlielaq u kif ukoll kellna tahdita fis-sala. Apparti minn dan, ġibna l-Fun Bus jumejn fuq xulxin li ntgħogbot ħafna. Is-Sindku qal illi anki bħala attendenza waqt l-attivitajiet kellna numru sabiħ ħafna speċjalment għal bike challenge u t-tlielaq.

11.3.5 Is-Sindku qal illi rigward punt ref 10.12 mid-dehra il-GHRC kellhom xi oġġezzjoni sabiex jinqalgħu s-siġar u jiġu relokali xi mkien ieħor, pero' fil-fratemp is-Sindku qal li kien tkellem mal ministeru tal-ambjent li qiegħdin jidentifikaw postijiet sabiex jitħawlu s-siġar. Is-Sindku qal illi issa għandhom jikkuntatjawh il-Ministeru sabiex jidentifikalhom il-post u huma jtuna l-kundizzjonijiet marbuta ma dan il-proġett.

11.3.7 Is-Sindku qal illi qiegħdin ibigħu l-inkwatri ta' San Pawl. Huwa qal illi r-ritratt li hemm fl-uffiċju tiegħu għandu bżonn jinbidel. Il-Kunsill qabel illi għal issa għandna nixtru wieħed għal uffiċċju tiegħu.

11.3.8 Is-Sindku qara il-petizzjoni li konna rċievejna sabiex tiċkien l-roundabout/central strip bis-siġar li hemm l-isfel miċ-ċimiterju. Il-Kunsill iddiskuta din il-petizzjoni pero' ma qabilx illi għandu jsir xi ntervent għalissa qabel ma naraw kif ser taffetwa l-bankina li għandha ssir sabiex il-karozzi li ġejjin minn Triq il-Karwija ma jibqgħux iduru b'saħħa kbira.

11.3.9 Is-Sindku qal li kien qiegħed jissuġerixxi illi l-Kunsill jorganizza Haloween Party bħas-sena l-oħra. Is-Sindku qal illi s-issa ma kellux konferma pero' l-ħsieb kien illi l-Haloween Party isir il-Ġimgħa 2 ta' Novembru. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-ġurnata u qabel illi għandna naraw għal ġurnata alternattiva.

11.3.10 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa tar-Reġjun kienet diskussa l-possibilita' illi l-kuntratt tad-dawl joħroġ fuq bażi reġjonali sabiex ikun aktar viabli għal Kunsilli tar-Reġjun. Huwa qal illi l-kuntratt tagħna qiegħed fit-tielet sena u jissuġerixxi illi l-Kunsill juri x-xewqa illi kif jagħlaq l-kuntratt li għandna mal-Kunsill taż-Żejtun nissieħbu mar-Reġjun. Il-Kunsill qabel li għandna nmorru fuq bażi reġjonali dejjem jekk l-kuntrattur l-ġdid ikun itina l-istess servizz u ma jonqosx il-kuntatt dirett miegħu.

11.3.11 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex issir mera fejn għadu sar it-tarmak fl-area ta' Gawhar. Il-Kunsill qabel illi għandha teħel mera mal-pilastru sabiex din ma tintlaqatx mill-Karozzi.

11.3.12 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex issir mera ukoll fi Triq tal-Ajzar fejn darba kien hemm sleeping police. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw aktar il-quddiem fuq din il-mera għaliex iħoss illi mera hawn jista' jkun li ma jkollix l-effett mistenni.

11.3.13 Is-Sindku qal li kien kellmu s-sid il-ġdid tal-friendly bar li hemm fi Triq il-Menqa. Huwa qal illi l-ħsieb tas-sid huwa li jibdlu f'take away u coffee shop/wine bar. Is-Sindku qal illi s-sid għandu l-ħsieb ukoll illi mat-tarf tal-ħanut jagħmel bħal platform bl-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill

iddiskuta dan il-permess u qabel illi għandna naraw illi l-karozzi u nġenji kbar jibqgħu jduru għal Misraħ San Mattew fil-kumdita.

11.3.14 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva l-organic bins sabiex dawn jibdew jinġabru mill-Kunsill. Is-sindku ppreżenta flyer li jissuġerixxi li għandu jitqassam bieb biex mal-kalendarju tax-xahar sabiex kulħadd ikun avżat kif ser jibda jinġabar l-iskart kollu f'Ħal Safi. Il-Kunsill qabel mal-flyer wara li sar xi tibdil żgħir.

11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi darba oħra kienet semmiet illi fejn il-Ġnien ta' Ball kien hemm xi konki vojta sabiex jitħawlu xi siġar.

11.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk ir-residenti kienux jafu li ser tiġi asfaltara. Is-Sindku qal illi għalkemm konna nafu li ser ssir id-data eżatta ma konniex nafuha. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi meta nkunu nafu meta ser tibda Triq il-Kuċċard għandna navżaw lir-residenti.

11.4.3 Is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi nhar il-Ħadd 14 ta' Novembru ser ikun hawn il-Blood Donation, u li l-mixja tal-President ser tkun nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru 2018. Hija qalet ukoll illi l-ġurnata canoeing marru tajjeb ħafna.

11.4.4 Is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi avviċinata minn żewġ persuni barranin li qiegħdin joffru li jagħmlu sessions ta' eżercizzju jew pilates b'xejn għar-residenti fis-sala Pietru Pawl Busuttil. Il-Kunsill qabel illi sabiex inħallu l-Ġimgħa free nipruvaw naraw jistgħux l-Erbgħa wara l-Ġinnastika.

11.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ill fejn l-istages fejn iċ-ċimiterju wara nofsinhar kienu mfawrin. Huwa staqsa għala l-bin li kien hemm ħdejn il-Ġnien ta' Ball inqala'. Is-Sindku qal li kien inqala' minħabba li kellna nwaħħlu l-bike racks.

11.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill kellu jneħħi l-bike racks li hemm il-bandli għaliex issa ma jagħmlux sens. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmluhom fis-central strip li hemm f'Misrah San Mattew.

11.4.7 Il-Kunsilllier is-Sur Publio Abdilla qal illi ma jaqbilx illi l-Kunsill għamel il-pots tal-qsari fuq it-terf. Is-Sindku qal illi dawn saru fuq talba tal-MCCAA sabiex il-play equipment tat-tfal ikunu iżolati mill-equipment tal-adulti.

11.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-istaġun sabiex jitħawlu l-fjuri beda u qal ukoll illi l-wire li hemm mal-kazin tan-nazzjonalisti għadu ma tneħħix. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dan il-wire kienet irrapurtatu imma għadna ma ħadniex risposta.

11.5 Tender Toroq u Bankini

11.5.1 Is-Sindku qal illi l-kuntratt għat-toroq u bankini kien tefgħu kuntrattur wieħed biss. Huwa qal illi l-perit tagħna kien iċċekja r-rati li kien tefa' l-kuntrattur. Is-Sindku qal illi bħalissa konna fiż-żmien tal-10 t'ijiem stand still period u li jissuġerixxi illi jekk ma jkunx hemm xi appell f'dan iż-żmien ghandnaimmexxu sabiex jingħata dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.6 Ħaddiema tal-CWSEF

11.6.1 Is-Sindku qal illi kien ġie jkellmu wieħed mid-diretturi tal-ħaddiema tal-CWSEF sabiex jintgħażel wieħed mill-ħaddiema sabiex dan ikun bħala supervisor fuq il-ħaddiema l-oħra. Is-Sindku qal illi din hija sistema li diġa' kienu qiegħdin jaħdmu biha Kunsilli oħra, u li minn naħa tal-kumpanija tas-CWSEF kienu qiegħdin jissugerixxu persuna. Is-Sindku qal illi huwa wkoll jaqbel perfettament illi din il-persuna hija l-unika persuna addatata għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll illi huwa diġa' kien qiegħed jagħti lil din il-persuna x-xogħolijiet li għandhom bżonn isiru. Is-Sindku qal illi l-kumpanija qiegħdin jissuġerixxu illi għandhom jitħallsu bejn 150 Euros u 200 Euros fix-xahar. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel għandna nivverifikaw kif ser nħallsu peress li mhux qiegħed fuq il-pay roll tal-Kunsill, għandna nħallsu s-somma ta' 200 Euros fix-xahar u li nagħmlu dan bħala prova għal tlett xhur u li dan il-hlas ikun jinkludi l-flus tad-diesel li l-haddiem koncernat qed jiehu bhalissa peress li qed juza l-van tieghu ghall-uzu tal-Kunsill.

11.7 Applikazzjoni tal-Gal Xlokk – Mizura 4

Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni tal-Gal Xlokkk għal Mizura 4 kienet ħarġet u li kienet tagħlaq nhar l-Erbgħa 17 ta' Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser tiprova tagħmel ħilitha kollha sabiex tlestiha fil-ħin, pero' kellha problema għaliex l-BOQ's ma kienux għadhom f'idejha.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kien skużat mil-laqgħa fil-18:40

11.8 Korrispondenza

11.8.1 Is-Sindku qara talba mingħand l-Avukat Joe Sammut sabiex jiltaqa' mal-Kunsill Lokali u ssuġerixxa illi bħal ma ġieli għamilna jekk jaqbel il-Kunsill nistednuh waqt il-laqgħa tal-Kunsill li tkun tmiss.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla reġa' daħal għal laqgħa fil-18:42.

Is-Sindku għarraf lil Kunsillier is-Sur Publio Abdilla bit-talba tal-Avukat u bis-suġġeriment. Il-Kunsill qabel illi għandna nistednuh għal laqgħa li jmiss.

11.8.2 Is-Sindku ressaq talba mingħand Rush Atletic Club sabiex fit-2 ta' Diċembru jerġgħu jorganizzaw tellieqa fir-rahal taghna. Is-Sindku qal illi għal dawn it-tlielaq is- soltu nagħmlu token għal best achievmenet f'kull kategorija . Il-Kunsill qabel illi għandna naċċettaw li jistgħu jsiru dawn it-tlielaq u li l-Kunsill jiprovdi l-trophies.

11.8.3 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fuq e-mail REF PUNT 51/0270/18.1 rigward is-sqaq ta' Gawhar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi s-sinjur kien qiegħed jirringrazzja u jfaħħar it-triq li għadha kemm ġiet asfaltata.

11.8.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail 0245/18/1. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet e-mail ta' ringrazzjament għaliex konna naddafna Sqaq Ħannux.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ġie skużat mill-laqgħa 18.46 pm.

11.9 Kunsiderazzjoni u Approvai tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

11.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-6:58pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar L-Erbgħa 7 ta' Novembru 2018 fit-3:00 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
DeputatSegretarjuEzekuttiv